## Dawra fl-ispazju - Djalogu bejn tifel u aljen



**Tifel:** Ma x'biża'! Hawn fejn ġejt? Dan il-post qatt ma rajtu!

**Aljen:** Ikkalma ħabib. (*imisslu spalltu*)

**Tifel:** Ma x'biża', int min int? (*jersaq pass lura*)

**Aljen:** Tikkonfondi xejn, jien mhu se nagħmillek xejn. Anzi jien inħobbhom ħafna lit-tfal.

**Tifel:** Ġieli ġew xi tfal hawnhekk? (*jistaqsi t-tifel b'ħalqu miftuħ*)

**Aljen:** Uuu!… mhux l-ewwel darba.

**Tifel:** Imma meta jiġu hawnhekk, ngħid jien? Lanqas jien ma naf kif ġejt hawn, aħseb u ara.

**Aljen:** Jiġu l-aktar waqt il-lezzjonijiet tal-iskola.

**Tifel:** Allura kif iħallihom jaħarbu l-għalliem?

**Aljen:** Le, ma fhimtnix. Li ridt ngħidlek hu li mhux huma jiġu imma ħsiebhom jiġi. Jien noħodhom dawra fl-ispazju.

**Tifel:** Eee, issa fhimt.

**Aljen:** (*Joħodlu b'idejh*) Ara, fuq kollox, jien jisimni Żipotek. Għandi l-kulur tal-ġilda tiegħi aħdar, kif qed tara. U int x'jismek?

**Tifel:** Jien jisimni Raymond. Żipotek, tista' tgħidli x'jisimha dik il-pjaneta?
*(juri b'sebgħu l-kbir fil-għoli).*

**Aljen:** Mela ara, dik jisimha Mars u l-oħrajn Nettunu u Pluto. Imma l-isbaħ waħda hi Venere, dik t'hemm ara.



**Omm:** *(L-omm tgħajjat b'ħanġra daqsiex)*
Ray, Ray, qum minn dik in-nagħsa li qiegħed fiha u kul għax l-ikel kesaħlek silġ!

**Tifel:** *(Iqum b'ħasda kbira)* X'ġara, x'ġara?! Fejn qiegħed? Fejn mar Żipotek? Iii... fejn mar moħħi. Mela kellu raġun Żipotek!

*Sarah Marie Mifsud, studenta tal-ħames sena tal-Iskola Primarja ta' Ħaż-Żabbar, fil-Kulleġġ Santa Margerita.*